31985L0001

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Diċembru 1984

li temenda d-Direttiva 80/181/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl

(85/1/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi fuq livell internazzjonali d-definizzjoni ta' l-unità SI ta' kejl ta' tul ġiet emendata mis-17-il Konferenza Ġenerali dwar il-Piżijiet u l-Qisien (CGPM); billi din id-definizzjoni l-ġdida trid tintuża fuq livell Komunitarju;

Billi f'rakkomandazzjoni tat-22 ta' Mejju 1981, l-Organizazzjoni Dinji tas-Saħħa talbet li l-millimetru ta' merkurju jinżamm flimkien mal-*kilopaskal* bħala unità ta' kejl tal-pressjoni tad-demm u fluwidi oħra tal-ġisem; billi huwa ta' min jirrikkmanda li l-Komunità tadotta din is-soluzzjoni;

Billi il-*barn* huwa l-unità użata b'mod universali għal-kejl tal-*cross-sectional area* effettiva fir-reazzjonijiet nukleari; billi l-esperjenza wriet li din l-unità speċifika ma setgħetx tiġi sostitwita faċilment minn unità SI; billi huwa għalhekk neċessarju li jkun awtorizzat l-użu tagħha fis-settur nukleari;

Billi għalhekk id-Direttiva 80/181/KEE [4] trid tiġi emendata kif xieraq,

---

[1] ĠU C 155, ta' l-14.6.1983, p. 10.
[2] ĠU C 242, tat-12.9.1983, p. 101.
[3] ĠU C 341, tad-19.12.1983, p. 1.
[4] ĠU L 39, tal-15.2.1980, p. 40.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness għad-Direttiva 80/181/KEE huwa emendat b'dan kif ġej:

1. f'punt 1.1 tal-Kapitolu I id-definizzjoni ta' l-unità ta' tul hija sostitwita b'li ġej:

   "*Unità ta' tul*

   Metru huwa t-tul tal-mogħdija tad-dawl f'vakwu matul 1/299 792 485 sekondi.

   (Is-sbatax-il CGPM (1983), L-1 Riżoluzzjoni).";

2. fis-sezzjoni 4 tal-Kapitolu I:

   (a) dan li ġej għandu jiġi miżjud fit-tabella

"Kwantità	Unità		
	Isem	Simbolu	Valur
Pressjoni tad-demm u ta' fluidi oħra tal-ġisem	Millimetru ta' merkurju	mm Hg(*)	1 mm Hg = 133,322 Pa
Cross-sectional area effettiva	*Barn*	b	1 b = 10^{-28} m^2"

   (b) in-nota hija b'dan sostitwita b'dan li ġej:

   "Il-prefissi u s-simboli tagħhom elenkati f'1.3 jistgħu jintużaw flimkien ma' l-unitajiet u s-simboli ta' hawn fuq, bl-eċċezzjoni tal-millimetru ta' merkurju u s-simbolu tiegħu. Iżda l-multiplu ta' 10^2a huwa msejjaħ 'ettaru'."

3. fil-Kaptiolu II:

   (a) l-unità ta' kejl tal-pressjoni tad-demm fit-tabella hija mħassra;

   (b) in-nota hija sostitwita b'dan li ġej:

   "Il-prefissi u s-simboli tagħhom elenkati f'1.3 jistgħu jintużaw flimkien ma' l-unitajiet u s-simboli ta' hawn fuq, bl-eċċezzjoni tas-simbolu 'g'."

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva nhar l-1 ta' Lulju 1985. Għandhom jinfurmaw mal-ewwel lill-Kummissjoni b'dan.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1984.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BRUTON